# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

Isem: ________________________________ Klassi: ________________

## Taqsima A - Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (10 marki)

1. (San Pietru, Ġesù) qalilna: "Min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam."
2. "Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta." Din is-silta ta' meta San Pawl ġie Malta hija meħuda (mill-Atti ta' l-Appostli, mill-Evanġelu ta' San Luqa).
3. Fi żmien Ġesù t-Tempju kien jinsab (fil-belt ta' Ġerusalemm, f'Ġeriko).
4. (F'Betlehem, f'Nażżaret) Ġesù trabba ma' Marija u Ġużeppi.
5. F'jum is-Sibt il-Lhud (joffru s-sagrifiċċju, jisimgħu l-qari tal-Bibbja) fis-sinagoga.
6. Ġesù għamel l-ewwel miraklu (f'Kafarnahum, f'Kana).
7. Lazzru u ħutu kienu jgħixu (f'Betlehem, f'Betanja).
8. Ġesù qajjem mill-mewt (lit-tifel ta' Ġajru, lit-tifel ta' l-armla).
9. Ġesù tgħammed (fix-xmara Ġordan, fil-Baħar l-Aħmar).
10. Il-belt kapitali tal-Palestina hija (Ġeriko, Ġerusalemm).

## Taqsima B - Qabbel skond il-Parabbola tal-'Bidwi li ħareġ jiżra'. (10 marki)

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Ġesù xebbah il-kelma tiegħu | | tixbah lil dawk li jħallu lil ta' madwarhom ifixkilhom. |
| 2. Iż-żerriegħa li waqgħet fil-mogħdija | | tixbah lil dawk li jisimgħu l-kelma ta' Ġesù imma malajr jinsewha. |
| 3. Ġesù xebbah lilu nnifsu | **1** | maż-żerriegħa tal-bidwi. |
| 4. Iż-żerriegħa li waqgħet qalb il-blat | | tixbah lil dawk li ma jridux jisimgħu lil Ġesù. |
| 5. Iż-żerriegħa li waqgħet qalb ix-xewk | | tixbah lil dawk li jisimgħu u jagħmlu skond ma jrid Ġesù. |
| 6. Iż-żerriegħa li waqgħet f'art tajba | | mal-bidwi li ħareġ jiżra'. |

## Taqsima Ċ - Wieġeb. (22 marka)



**Ġesù jitlob qabel ma jbati fil-Ġnien taż-Żebbuġ.**

1. Lil min ħa miegħu Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ?

2. X'talab Ġesù f'dan il-post?

3. X'nitgħallmu aħna minn din it-talba ta' Ġesù?

4. Ġesù qal lill-appostli, 'Ma flaħtux tishru siegħa waħda miegħi.' Għaliex qalilhom hekk?

5. Kif nafu li Ġesù veru bata f'dan il-mument?

6. Min mar biex jarresta lil Ġesù?

7. B'liema sinjal dak il-wieħed mill-appostli ċaħad lil Ġesù?

8. Pietru ried jiddefendi lil Ġesù. Kif ried jagħmel dan?

9. Aħna meta niċħdu lil Ġesù?

10. X'nagħmlu aħna biex qatt ma niċħdu lil Ġesù? (Semmi 2 ħwejjeġ).

## Taqsima D - Fisser dawn il-kelmiet: **(5 x 2 marki =10 marki)**

1. ‘Missier, aħfrilhom għax ma jafux x’inhuma jagħmlu.’

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. ‘Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek.’

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. ‘Jien id-dawl tad-dinja.  Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam.’

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. ‘Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin.’

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. ‘Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom.’

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## Taqsima E - Aqra u wieġeb. **(16-il marka)**

**Il-parabbola tax-xibka tal-ħut**

Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah ukoll lil xibka mixħuta l-baħar li fiha jinġabar minn kollox.  Meta timtela jtellgħuha x-xatt, u joqogħdu bilqiegħda, jiġbru fil-kannestru dak li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin.  Hekk jiġri fi tmiem id-dinja: l-anġli joħorġu jifirdu l-ħżiena mill-ġusti, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tħażżiż tas-snien.

(Matt 13, 47-50)

1. Ma xiex Ġesù jxebbah is-saltna tas-smewwiet? *(3 marki)*

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. Ma’ min Ġesù jxebbah il-ħut it-tajjeb? *(3 marki)*

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. Ma’ min Ġesù jxebbah il-ħut il-ħażin li hemm fix-xibka? *(3 marki)*

4. X’jgħid Ġesù li se jiġri fl-aħħar tad-dinja? *(3 marki)*

5. X’ried igħidilna Ġesù lilna llum b’din il-parabbola? *(4 marki)*

**Taqsima F - Fuq karta separata ikteb 4 sentenzi dwar KULL WIEHED minn dawn il-personaġġi mit-Testment il-Qadim (16-il sentenza b’kollox).**

**(16 x 2 marki = 32 marka)**

1. Abraham
2. Mosè
3. David
4. Il-Profeti